**184. Il-Ministru tal-Ġustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Ġużè Cassar, jipproponi:**

Illi minkejja kull provvedimenti oħra fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, dan li ġej għandu jirregola l-proċedura li baqa' (l-istadju ta’ Kumitat u t-Tielet Qari) fuq l-Abbozz ta’ Liġi msejjaħ “Att biex ikompli jemenda l-Att tal-1974 dwar l-Edukazzjoni”.

A. Illi d-diskussjoni fil-Kumitat jekk ma tkunx intemmet qabel il-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol tas-Seduta tal-lum, it-Tnejn, 28 ta’ Mejju, 1979; din id- diskussjoni għandha fil-fatt tintemm f'dak il-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol meta ċ-Chairman minnufih iqiegħed il-mistoqsija fuq il-klawsola jew emenda jew skeda li dak il-ħin tkun qegħda tiġi diskussa; u jkompli jqiegħed il-mistoqsija fuq il-klawsoli l-oħra kollha, waħda wara l-oħra, mingħajr emendi jew diskussjoni; iżda Ministru jista’ jressaq emendi, klawsoli u skedi ġodda mingħajr avviż, li fuqhom titqiegħed il-mistoqsija mingħajr diskussjoni; u Ministru jista’ wkoll jitlob il-konsiderazzjoni mill-ġdid fil-Kumitat, fejn il-mistoqsija fuq emendi, klawsoli, skedi jew klawsoli u skedi ġodda mingħajr avviż, titqiegħed mingħajr diskussjoni.

B. Illi l-votazzjonijiet kollha li jintalbu fil-Kumitat, jittieħdu wara l-mistoqsija fuq it-Titolu tal-Liġi li biha tintemm il-proċedura fil-Kumitat; u li dawn il-votazzjonijiet jittieħdu immedjatament wara xulxin mingħajr ma jgħaddu l-għoxrin minuta bejn il-ħin li fih terġa’ tintalab u l-ħin li fih fil-fatt tittieħed il-votazzjoni; iżda fil-każ tal-ewwel votazzjoni jkun hemm ħin ta’ ħames minuti bejn il-ħin li fih tkun reġgħet intalbet il-votazzjoni, u l-ħin li fih fil-fatt tittieħed din il-votazzjoni.

C. Illi t-Tielet Qari jista' jittieħed meta jintemm il-Kumitat jew il-konsiderazzjoni mill-ġdid fil-Kumitat, anke jekk ikun għadda l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol.

D. Illi jekk tintalab votazzjoni fuq it-Tielet Qari, din tittieħed f'dak il-ħin stess li fih ikun intalbet, mingħajr ma jgħaddu l-għoxrin minuta.bejn il-ħin li fih tintalab, u l-ħin li fih tittieħed din il-votazzjoni.

23.05.1979